IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 26

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fis-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (5:45pm) nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2020.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**SKUŻAT:**

Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier

**ASSENTI:**

Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**26.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

26.1.1 Il-Kunsillier Trevor Mizzi talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa. Apoloġija approvata.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

26.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 25 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

**26.3 Korrispondenza**

26.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Andrew Haig għan-nom ta' Transport Malta sabiex tinforma lill-kunsilli lokali li għandha tibda timtela' applikazzjoni sabiex jitwaħħlu tabelli u sinjali fit-toroq. Is-Sindku qal li Transport Malta kienet qabdet u neħħiet it-tabelli kollha tal-ħwienet li twaħħlu madwar il-Birgu wara li kienet bgħatet din l-applikazzjoni, fejn fiha qatt ma identifikat li ser twettaq din l-azzjoni li għaliha l-kunsill qed jaffaċja wkoll pressjoni mill-ħwienet. Is-Sindku qal li fil-passat, il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien saħansitra għadda *bye-law* dwar dawn it-tabelli li ġiet injorata.

26.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit John Schembri mill-Awtorità tal-Artijiet sabiex tinforma l-kunsill li l-funtana fil-belvedere tas-Simenta trid titneħħa għal kollox biex ma ssirx ħsara fis-saqaf il-ġdid tal-garaxxijiet li jinsabu taħt is-Simenta, liema saqaf huwa s-Simenta nnifsu. Dan ix-xogħol se jsir kollu mill-Awtorità tal-Artijiet. Barra hekk, il-kunsill mitlub li jagħmel l-aħħar xogħol finali fosthom, bankijiet li ma jeħlux mal-art u planters ta' ċertu daqs biex b'hekk dan il-post jieħu dehra isbaħ anké bil-bdil tal-bozoz tad-dawl għal LEDs. Il-kunsillera kollha qablu unanimament.

26.3.3 Preżentati korrispondenza mibgħuta mis-Suprintendent Trevor Micallef sabiex b'effett immedjat titneħħa l-umbrella li kien waqqaf l-ispiżjar faċċata tal-ispiżerija sabiex taħta jistennew in-nies li jridu s-servizz tat-tabib flok jitħallew jistennew ġewwa fl-ispiżerija.

26.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Suzanne Anne Attard, mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tinforma lill-kunsill li l-fondi ta'

(€15,000) ħmistax-il elf Ewro għall-attività tal-Birgufest 2019 ser jgħaddu fil-kont bankarju tal-kunsill it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2020.

26.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava dwar Skema għal tħawwil ta' siġar f'żoni urbani fil-lokalitaijiet. Il-kunsill lokali tal-Birgu applika għal madwar erbgħin (40) siġra biex jitħawwlu f'diversi żoni.

26.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Alexandra Vella mill-Wasteserve sabiex tinforma lill-kunsill li l-Birgu kien finalist għall-*Malta Waste Reduction Awards 2020* li iżda sfortunatament dan ma ntrebaħx mill-Birgu.

26.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Diane Cassar mill-Malta Intelligent Energy Management Agency dwar applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill Lokali tal-Isla għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Isla, Birgu u Bormla, taħt l-isem *Building Intergrated Photovoltaic Systems in the Three Cities* sabiex isiru pannelli fuq diversi bjut fil-Kottonera.

26.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Onor. Glenn Bedingfield għan-nom tal-Fondazzjoni Kottonera sabiex jingħataw fondi biex iż-żewġ twieqi fuq wara tal-Berġa ta' Franza fejn qed isir ir-restawr, ikunu jistgħu jsiru ġodda mingħajr ma jidħol fi spejjeż il-kunsill u jingħaqdu max-xogħol li qed isir. L-istima ta' dawn iż-żewġ twieqi lesti u kompluti, inkluż it-twaħħil hija ta' elf seba' mija u ħdax-il ewro (€1711) kull tieqa bil-VAT inkluż. L-Onor. Bedingfield kellu jagħmel kuntatt mad-Dipartiment tar-Restawr filwaqt li jżommna infurmati bl-aħħar aġġornamenti.

26.3.9 Preżentata korripondenza mibgħuta mis-Sur Mark Causon dwar proġett tal-ERASMUS+ MEDIA4ALL. Is-Sindku informa lill-kunsilliera preżenti li wrejna interess f'dan il-proġett sabiex inkunu partners mal-belt ta' Lousada fil-Portugall u li tiegħu s-Sur Causon ikun il-project manager. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

26.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali ta' Bormla dwar iċ-ċelebrazzjonijet ta' Jum Bormla nhar il-Ħamis 19 ta' Novembru 2020. Għal din l-attività kien attenda l-Viċi-Sindku s-Sur Christopher Cassar peress li s-Sindku kien indispost minħabba raġunijiet ta' saħħa.

26.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Noel Castillo għan-nom ta' LEON Promotions dwar attività li qed jissuġġerixxi lill-kunsilli lokali kollha sabiex fil-ġimgħa tal-Milied, f'ġurnata li jagħżlu huma, jipprovdi 'karru' b'Father Christmas fuqu u b'mużika tal-Milied li jdur mal-lokalità kollha għal madwar

sagħtejn għall-prezz ta €240 VAT inkluż sabiex tinħoloq atmosfera tal-Milied. Is-Sindku propona li ssir it-Tlieta 22 ta' Diċembru. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

26.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jesmond Apra bid-disinn u l-prezz ta' kartolina tal-Milied sabiex titqassam mill-Kunsill Lokali tal-Birgu lir-residenti kollha. Din il-kartolina tinkludi wkoll l-awguri tal-Milied b'diversi lingwi. Il-kunsilliera preżenti flmkien mas-Sindku qablu li jmorru għall-irħas offerta, €250 VAT mhux inkluż għal elf u mitt kopja (1100).

26.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Bugeja, CEO ta' Transport Malta sabiex jinforma lill-kunsill li l-applikazzjoni mibgħuta b'relazzjoni mal *European Mobility Week*, ma ġietx magħżula. Din l-applikazzjoni kienet mibgħuta sabiex jingħataw fondi għax-xiri ta' van li jwassal l-anzjani u persuni b'nuqqas ta' aċċessibilità fil-Birgu għal diversi ħtiġijiet fil-lokalitajiet viċin. Is-Sindku propona li għandu jsir filmat li jispjega li l-van li kien xtara l-kunsill, inxtara bid-donazzjonijiet miġbura u mhux b'xi fondi mogħtija lilu mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal li jixtieq ikun jaf għala kunsilli lokali oħra li applikaw għall-istess ħaġa ġew magħżula filwaqt li tal-Birgu le.

26.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Frankie Meilak fi ħdan l-ERA sabiex jinżabru s-siġar tal-Fikilakka li jinsab biswit il-grawnd tal-Fortini faċċata tal-ex-skola Lorenzo Gafà wara li daħal rapport il-kunsill li aktar ġebel miċ-ċint ta' taħt dawn is-siġar, waqa' fit-triq.

26.3.15 Preżentat ittra ta' notifika mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex jikkonfermaw li kienet waslet l-ittra li l-kunsill bagħat b'relazzjoni mal-festi tal-Vitorja sabiex dawn isiru fil-Birgu u mhux il-Belt Valletta.

26.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava f'isem l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-*President's Fun Walk* 2020 fejn kien qed jiġi propost li flok issir attività waħda nazzjonali, issir *fun walk* f'kull lokalità. Aktar 'il quddiem konna infurmati li din l-attività ġiet kanċellata.

26.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-assoċjazzjoni internazzjonali *Mayors for Peace* fejn ġie preżentat ir-rapport finanzjarju annwali. Is-Sindku informa lill-kunsilliera li bħala kunsill, inħallsu l-miżata li ma tkunx aktar minn erbgħin (40) Ewro fis-sena.

26.3.18 Preżentati r-rapporti ta' ħidma tal-Viċi-Sindku is-Sur Christopher Cassar u tal-kunsilliera s-Sur Trevor Mizzi u s-Sur Anton Gellel. Dawn ir-rapporti ntalbu

mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex id-dettalji tagħhom jiġu nklużi fir-Rapport Annwali ta' Ħidma tal-kunsill għas-sena 2020.

26.3.19 Preżentat il-kuntratt il-ġdid li sar mill-Avukat Dr David Bonello għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-kiri ta' parti mill-garaxx tal-Ħawli lis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz għall-ħażna tal-planċier tal-banda. Il-kunsilliera preżenti approvawh unanimament.

26.3.20 Preżentata ittra mibgħuta mill-Avukat John Vassallo għan-nom tas-Sur Renald Cassar, propjetarju tal-isabbiliment *D Centre* dwar tabelli ta' reklami tal-istabbiliment li saru bl-approvazzjoni tal-kunsill u li tneħħew minn Transport Malta. Fl-ittra, is-sid qed jitlob li jkun imħallas tad-danni fuq dawn it-tabelli. Għal din l-ittra, inbagħtet ittra b'risposta mill-Avukat tal-kunsill, Dr David Bonello fejn informa lis-sid li dawn it-tabelli tneħħew mingħajr ebda avviż minn Transport Malta u għaldaqstant il-kunsill ma jinsabx dovut tal-ebda danni lis-Sur Renald Cassar.

26.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur George Agius għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jinforma lill-assoċjazzjoni tal-*European Network of Holy Week and Easter Celebrations* li l-kunsill huwa membru fiha, li minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti, mhux possibli nattendu għall-kungress li sar f'Seville nhar l-10 ta' Novembru 2020. Għaldaqstant is-Sur Agius talab li ninżammu aġġornati b'dak li jkun seħħ.

26.3.22 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Donia Montebello mill-Anzjanità Attiva biex tistaqsi lill-kunsill għandux xi post biex iservi ta' Ċentru għall-Anzjani wara li dak ta' Bormla kellu jagħlaq. Dan il-post alternattiv huwa maħsub li jkun frekwentat minn anzjani minn Bormla u lokalitajiet viċin. Is-Sindku qal li sfortunatament post għandna, il-Berġa tal-Ingilterra, li fiha sar ħafna xogħol sabiex jilqa' lill-anzjani iżda mhix aċċessibli għax il-kunsill qatt ma ngħata fondi biżejjed biex isir lift. Għaldaqstant, ir-risposta għal din l-ittra kellha tkun li ma kien hemm 'l ebda post ieħor alternattiv li jista' jintoffra mill-Kunsill Lokali tal-Birgu għal dan il-għan.

26.3.23 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Antolla Galea mir-Reġjun Xlokk dwar skema li ħareġ ir-reġjun sabiex jagħti rimbors ta' elf (€1000) Ewro lill-kunsilli lokali li jagħmlu parti mir-Reġjun Xlokk għat-tiżjin tal-Milied.

26.3.24 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Kevin Azzopardi mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, bi tlett nominazzjonijiet li l-kunsill ġie mitlub li jagħti għal persuni sportivi mill-Birgu sabiex it-tfal tal-iskola madwar Malta, ikollhom

għażla minn Malta kollha dwar min jagħmlu riċerka fil-proġett *Celebrating our localities' Sportspersons*. It-tlett persuni mill-Birgu nominati huma Lino Bugeja, Charles Camenzuli u Saviour Darmanin.

26.3.25 Preżentata korrispondenza mibgħuta lil Salvu Mifsud, il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir taż-żibel fil-Birgu. F'din il-korrispondenza ġew preżentati diversi ritratti li nġibdu mill-kameras tal-kunsill fejn juru lill-impjegat tal-kollettur, jiġbor il-boroż mit-toroq u jwaddabhom f'kantuniera waħda biex jinġabru aktar tard fil-ġurnata. Din is-sistema, apparti li qed tħammeġ il-post fejn jitwaddbu dawn il-boroż, qed tagħti dehra kerha sakemm dawn jinġabru. F'din l-ittra, is-Sindku nforma lill-kuntrattur li waħda mir-residenti marret saħansitra tagħmel rapport l-għassa tal-Pulizija wara li dawn il-boroż twaddbu fejn il-bieb tar-residenza tagħha. Is-Sindku informa lill-kunsilliera li wissa' lill-kuntrattur li lest li jibda jibgħat *default notice* għal dawn l-atteġjamenti mhux aċċettabli u li jitneħħa mill-Birgu dan il-ħaddiem. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

26.3.26 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Ministru l-Onor. Jose Herrera dwar ir-restawr li fadal fil-Berġa ta' Franza u li issa ilu għaddej għal żmien twil b'fondi li ġabar il-kunsill. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera preżenti li s-Sur Pierre Vassallo, kap tas-segretarjat tal-Ministeru tal-Wirt Nazzjonali, Arti u Gvern Lokali, talab lill-kunsill jagħti stima ta' spejjeż u fondi li l-kunsill jirrikjedi sabiex ix-xogħol ta' restawr ikun lest fit-totalità kollu tiegħu.

26.3.27 Preżentata notifika mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar sottomissjoni ta' pjanti ġodda (PA/04757/19) tal-proġett tat-Toqba (Sally Port) mill-Inġinier Fredrick Azzopardi f'isem Infrastructure Malta għall-bini mill-ġdid tat-triq u tal-latrini pubbliċi tat-Toqba.

26.3.28 Preżentata notifika mill-Awtorità tal-Ippjanar bħala konferma tas-sottomissjoni tal-email tal-kunsill favur il-proġett tat-Toqba (Sally Port) wara li kienet sottomessa l-ewwel applikazzjoni PA/0457/19 u pjanti għal dan il-proġett.

26.3.29 Preżentata korrispondenza ta' ittra mibgħuta lill-kunsilliera sabiex jagħtu l-oppinjoni tagħhom dwar għandhiex tittella' bandiera mezza lasta fuq l-arblu tal-kunsill li hemm fuq il-Mina fid-daħla tal-Birgu f'każ ta' mewt ta' Sindku, ex-sindku, kunsillera u ex-kunsilliera. Fid-diskussjoni, is-Sindku qal li dan huwa sinjal ta' rispett lejn dawk li taw il-ħin tagħhom għall-ġid tal-Birgu waqt li servew fil-kunsill. Il-kunsillier Anton Gellel qal li jkun tajjeb li jkollna konferma mal-protocol nazzjonali qabel ma jkun hemm deċiżjoni finali. Is-Sindku qal li għamel kuntatt magħhom u għad iridu jtuh konferma konkreta. Mill-banda l-oħra,

f'emails separati, il-kunsilliera Jason Portelli u Trevor Mizzi flimkien mal-viċin-Sindku Christopher Cassar qablu ma din il-proposta.

26.3.30 Preżentata korrispondenza mibgħuta mir-Rettur Prof Alfred J. Vella f'isem l-Università ta' Malta sabiex jinforma lis-Sindku li ġie maħtur bħala wieħed mill-membri tal-board tal-Cottonera Resource Centre.

26.3.31 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Jean Pierre Gelac, għan-nom tal-kunsill ta' Parisot fi Franza dwar il-proġett ta' Town Twinning bejn iż-żewġ lokalitajiet. Fost il-punti msemmija, Jean Pierre qal li jkun aħjar li l-proġett isir lejn l-aħħar ta' Awwissu flok lejn tmiem Mejju u bidu ta' Ġunju għal dan il-proġett. Is-Sindku qal li għandu jintagħżel il-weekend ta' Awwissu ta' bejn iż-żewġ festi. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

26.3.32 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Claire Gafà mill-Cottoner Community Service dwar proġett li jixtiequ jimplimentaw fi ħdan il-komunità li propju jibda mill-Birgu. L-għan hu li jitkellmu mar-residenti u jaraw xi jħossu r-residenti li għandu jsir biex ikunu aktar parti mill-komunità u kif jixtiequ li jsebbħu ż-żona ta' fejn jgħixu. B'hekk ikunu jistgħu joħorġu bi pjan u jwettquh fil-komunità li jkunu ltaqgħu magħha.

26.3.33 Preżentat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Tomahawk dwar in-National Race Electric Go-Karts Formula E li se ssir f'Malta 2021. Il-Birgu se jkun wieħed mill-postijiet li fiha se jsiru parti minn dawn it-tlielaq li qed isiru bil-kollaborazzjoni tal-Gvern Ċentrali.

26.3.34 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit Amanda Degiovanni mid-Dipartiment tar-Restawr dwar żewġ invoices mibgħuta minn Gianluca Scarponi lid-dipartiment sabiex jitħallas tax-xogħlijiet ta' manutenzjoni li wettaq fuq diversi street lighting fiż-żona tal-Collachio. Il-Perit talbet biex dawn jiġu konfermati mill-kunsill li tali xogħol kien sar. Is-Sindku qal li talab lil Perit sabiex jiltaqgħu u jiddiskutu t-triq 'il quddiem fuq id-dawl il-ġdid li sar fiż-żona tal-Collachio u postijiet oħra wara li dan ix-xogħol qed juri ta' spiss diversi ħsarat.

26.3.35 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Frankie Meilak dwar waħda mis-siġar tal-Fikillakka li jinsabu biswit il-grawnd tal-Fortini. Waħda minn dawn is-siġar tant kibret li imbuttat iċ-ċint u waqa' xi ġebel kbir. Is-Sindku f'din l-ittra li kiteb lill-ERA, talab biex tintrefa' r-responsabbiltà jekk jinqala' xi inċident b'kawża ta' dawn is-siġar li kibru ħafna.

## 26.4 Proġett tal-maħżen tal-Klabb tar-Regatta tal-Birgu

26.4.1 Is-Sindku spejga kif hu, flimkien ma' rapreżentanti tal-Kumitat tal-Klabb tar-Regatta tal-Birgu kellhom mas-Segretarju Parlamentari Chris Agius dwar dan il-proġett u dwar il-pjanti l-ġodda li ġew preżentati. Is-Sindku qal li x-xogħol fuq il-maħżen hu mistenni li jsir meta jkun għaddej ukoll ix-xogħol fuq it-triq tat-Toqba (Sally Port).

## 26.5 Proġetti approvati taħt skemi differenti

26.5.1 Is-Sindku John Boxall preżenta għall-approvazzjoni tal-kunsill, l-applikazzjoni taħt l-iskema *Finanzjament għall-Kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex* (SPI/SCI/6/2020) tal-proġett ta' 'Ġnien il-Kunsill' li jinsab fi Triq it-Torri ta' San Ġwann. Ma din l-applikazzjoni, ġiet inkluża l-powerpoint kollha li fiha tagħti deskrizzjoni dettaljata tal-proġett kollu li kien preżentat lill-kunsilliera kollha waqt laqgħa li saret mal-perit u li għaliha l-kunsillier kollha kienu preżenti. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, qablu unanimament fuq dan il-proġett u għalhekk għandha tiġi sottomessa l-applikazzjoni kif inhu meħtieġ mill-aktar fis.

26.5.2 Is-Sindku John Boxall qal li l-applikazzjoni taħt l-iskema *Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'* (SPI/SCI/5/2020) għall-proġett tal-lift fil-Berġa ta' Franza kienet sottomessa. Għal din l-applikazzjoni saru l-istudji kollha meħtieġa tax-xogħlijiet sabiex ikunu inklużi mal-applikazzjoni.

26.5.3 Is-Sindku qal li l-proġett **ABBANDUNATI...minna le!** taħt l-iskema *LC CARE Project Grant Support Scheme 2020* għall-ħarsien tal-annimali, ġie approvat u għaldaqstant il-kunsill se jingħata fondi sabiex jinxtara ikel għall-qtates tat-toroq u jinxtraw kennels ġodda fost affarijiet oħra.

## 26.6 Ftehim mal-kuntrattur tad-dawl ingaġġat mid-Direttorat tar-Restawr

26.6.1 Is-Sindku qal li kien qed jikkomunika mad-Direttorat tar-Restawr sabiex il-kunsill jingħata l-fondi meħtieġa sabiex ikun il-kunsill stess, b'mod dirett li jqabbad lil dan il-kuntrattur sabiex isewwi l-ħsarat li jkun hemm fis-sistema tad-dawl il-ġdida li saret fiż-żona tal-Collachio u partijiet oħra. Ġie innutat li x-xogħol ta' dan il-kuntrattur li ġie mqabbad mid-Direttorat, huwa xi ftit jew wisq għoli u għaldaqstant jekk se jibqa' jkun hemm ħafna ħsarat, l-ispejjeż se jkunu ħafna.

**26.7 Proġetti ta' Imprint Concrete**

26.7.1 Is-Sindku qal li la darba nħareġ it-tender tal-Imprint Concrete, il-kunsill jista' jibda jippjana liema toroq jew daħliet se jibda jirranġa sabiex dawn jingħataw dehra aħjar u isbaħ permezz tal-imprint concrete. Aktar dettalji kellhom jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss tal-kunsill.

**26.8 Tiżjin tal-Milied 2020**

26.8.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-istima tal-kuntrattur tad-dawl li ssoltu jarma t-tiżjin tal-Milied. Għal din is-sena se ikun hemm żieda tal-armar fejn se jintramaw Triq il-Kardinal u Triq Nestu Laiviera. L-ispiża totali se tkun ta tlett elef u ħames mitt Ewro (€3500), VAT mhux inkluż. Il-kunsilliera qablu unanimament.

26.8.2 Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar qal li r-Reġjun Xlokk kien qed jiftaħ skema ta' għajnuna lill-kunsilli taħt ir-reġjun u se jingħataw is-somma ta' elf ewro (€1000) kull wieħed bħala għajnuna għat-tiżjin tal-Milied.

**26.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.9.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li ż-żewġt ikmamar fil-bitħa ta' Couvre Porte faċċata ta' Triq il-Mina l-Kbira, issa se jkunu devoluti lill-kunsill. Għaldaqstant is-Sindku qal li jkun tajjeb li jsir forma ta' kuntratt mas-Sur Clive Busuttil li bil-permess tal-kunsill, qed juża waħda mill-kmamar sabiex jaħżen il-vari tal-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira li ssir fil-Foss tal-Birgu.

26.9.2 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-ħġieġ tal-fanali li qed jiġu restawrati li qed jitwaħħlu f'diversi toroq fil-Birgu ser jinbidel ma' perspex traspartenti skont kif talbet l-Awtorità tal-Ippjanar. Dawn inxtraw mill-fondi li l-kunsill ħa għal dan il-proġett wara li applika għal dawn il-flus u ġew approvati.

**26.10 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 17** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, BOV 5648 sa BOV 5723 u l-**Iskeda tal-Pagamenti Numru 18** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, BOV 5725 sa BOV 5774 u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' Bank Transfer. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskedi preżentati.

**26.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8.30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 15 ta` Diċembru 2020 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati llum: **15 ta' Diċembru 2020.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |